# Ħad-Dingli Jfakkar 325 Sena Parroċċa

**Jikteb il-Kappillan Dun Reuben Deguara**

Din is-sena, Ħad-Dingli qiegħed jiċċelebra t-325 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Ta' din is-sena hija okkażjoni li tiġi kull 25 sena u għalhekk hija waħda speċjali ħafna. Għalkemm it-325 anniversarju l-parroċċa tagħlaqhom nhar il-31 ta' Diċembru ta' din is-sena, ħsibna biex minflok infakkru din id-data importanti dakinhar biss, intellgħu attivitajiet matul is-sena kollha. B'hekk insiru aktar konxji u jinħoloq ambjent ta' stennija, li flimkien inisslu ċertu entużjażmu fina. Għandna bżonn ftit ta' entużjażmu. Bħala bnedmin malajr nintelqu u għalhekk irridu min iniggiżna. Ġesù qiegħed isejħilna kuljum u kull ħin imma aħna ninsabu aljenati wisq.

Bil-għajnuna ta' persuni differenti li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu sehemhom, ippjanajna li ta' kull xahar nagħmlu xi ħaġa relatata mal-okkażjoni. Bdejna minn Mejju, fejn nedejna kompetizzjoni għal *logo* biex jintuża għall-attivitajiet u ċelebrazzjonijiet li qed isiru għal dan l-anniversarju, liema kompetizzjoni ġibdet l-interess ta' numru sabiħ ta' parteċipanti. F'dan il-każ għażilt ġurija magħmula minn persuni differenti fejn bil-mod kif saret il-kompetizzjoni, ħadd, inkluż jien, ma konna nafu ta' min kienu l-*logos* proposti. Il-*logo* rebbieħ kien dak tas-Sur Paul Camilleri li spjega d-disinn tiegħu b'dan il-mod: il-koppla fl-isfond bl-istilel tirrappreżenta l-Knisja ta' Ħad-Dingli; taħt il-koppla insibu r-raħal ta' Ħad-Dingli forma ta' siluwet tal-bini Malti; fuqhom hemm in-numru ta' snin li r-raħal ilu parroċċa jiġifieri 325 fejn in-numru tnejn jikkumplimenta l-kurvatura tal-koppla; u taħt insibu l-parruċċani, il-familji ta' Ħad-Dingli, li kienu u għadhom jiffurmaw il-qalba tal-knisja u tal-parroċċa. Il-kuluri li ntgħażlu apparti li jikkumplimentaw flimkien, jirrappreżentaw is-sema u l-art.

Sadanittant, fi tmiem ix-xahar ta' Ġunju għamilna konsagrazzjoni speċjali, bil-parteċipazzjoni tal-poplu, tal-parroċċa lill-Qalb ta' Ġesu' u ta' Marija. F'Lulju organizzajna kompetizzjonijiet għat-tfal u għall-istudenti żgħażagħ filwaqt li għax-xahar ta' Awissu l-attivitajiet huma marbuta mal-festa titulari ta' Santa Marija. Hawnhekk, ta' min isemmi l-ġurnata tal-Ġimgħa 8 ta' Awissu meta bħala parti mill-programm tal-festa ser inkunu qed infakkru dan l-anniversarju. Dakinhar, wara l-quddiesa ta' filgħaxija ser ikollna Serata Marjana bis-sehem tal-Kor Parrokkjali u li fi tmiemha ser jitqassmu r-rigali lir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet li kienu organizzati f'Lulju. Kif wieħed jista' jinnota mill-programm tal-festa, fejn kien possibbli stedinna lil dawk is-saċerdoti li fis-snin li għaddew taw kontribut lill-

parroċċa, fosthom ex-kappillani.

Għax-xhur li ġejjin għandna ppjanati numru ta' attivitajiet oħra iżda nieħu l-okkażjoni biex nistieden lil min għandu xi suġġeriment biex jgħaddihuli. F'Settembru beħsiebna nagħmlu esebizzjoni tax-xogħlijiet li jkunu saru għall-kompetizzjonijiet organizzati aktar qabel. F'Ottubru, l-enfasi ser tkun fuq it-talba tar-Rużarju, anki għall-fatt li din is-sena ninsabu fis-sena li l-Q.T. l-Papa Ġwanni Pawlu II ddedika għar-Rużarju, u ser isir ukoll *quiz* għat-tfal fuq il-parroċċa. F'Novembru jsir talb speċjali għall-mejtin, kampanja biex in-nies jinkitbu fid-*Donor Card* u l-vestizzjoni ta' l-abbatini. Intant, l-attivitajiet jilħqu l-qofol tagħhom f'Diċembru bi programm speċjali ta' attivitajiet fil-jiem li jwassluna għall-31 tax-xahar, il-jum li fih infakkru t-325 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Fost l-inizjattivi ppjanati hemm it-tnedija ta' *website* uffiċċjali tal-parroċċa u akkademja mużiko-letterarja.

Inħeġġiġkom biex tipparteċipaw fl-attivitajiet kollha li ser ikunu organizzati u tħeġġu lill-oħrajn jagħmlu l-istess. Dan l-appell imur ukoll għal ulied Ħad-Dingli li m'għadhomx residenti f'raħal twelidhom. Nistedinkom ilkoll bil-qalb. Narakom.

# B'SOLIDARJETÀ MAL-POPLU TAL-GHANA




- Fl-okkażjoni tal-festa ser nagħtu donazzjoni għall-bini taċ-Ċentru Malti tas-Saħħa fil-Ghana.
- Wieħed minn 100 proġett magħżula mill-Papa Ġwanni Pawlu II għall-millenju.

**INT TISTA' TGĦIN AGĦTI D-DONAZZJONI TIEGĦEK FIL-QUDDIES TAL-ĦADD 10 TA' AWISSU**

***Aktar informazzjoni:* The Ghana Mission Foundation, c/o Media Centre, Blata l-Bajda**